MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Numru. 428/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jessica Grima]**

**vs**

**Christopher Anthony Fenech**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Anthony Fenech detentur tal-karta tal-identita` numru 496895(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-1 ta' Mejju 2010, ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (3:00hrs) fi Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha:

1. b'nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ronald Azzopardi u Antonia Azzopardi;

2. saq vettura tal-ghamla Hyundai mudell S coupe li ghandha n-numru tar-registrazzjoni GAL-804, b'manjiera traskurata u perikoluza;

3. ghamel hsara involontarja fuq il-vettura tal-ghamla Kia mudell Avella bin-numru tar-registrazzjoni JBC-415 ghad-dannu ta' Ronald Azzopardi;

4. saq vettura waqt li kien taht l-influwenza tax-xorb;

5. saq vettura b'sewqan eccessiv.

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li ngahta z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 226 (1) tal-Kapitolu 9, Artikolu 15(1) (a)(3), 15 I (1)(a) tal-Kapitolu 65 u Reg. 127 tal-LN 65. Il qeghda issib lill-imputat Christopher Anthony Fenech hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal erba' (4) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il (18) xahar.

Inoltre l-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il (12) xahar dekorribli minn nofsil-lejl ta' ghada filghodu.

Inoltre il-Qorti a bazi tal-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghall-ispejjez tal-inkjesta li jammontaw ghal elfejn sitt mija u wiehedu sittin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€2661.64) bi tlett snin sabiex ihallas l-istess ammont. Fin-nuqqas tal-hlas relattiv fiz-zmien stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs skont il-ligi.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-import ta’ tali decizjoni u l-konsegwenzi jekk tali decizjoni ma tigix osservata, u tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------